# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Taqsira tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-parteċipazzjoni fin-negozjati dwar it-tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità ta' Budapest

*[It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-EN, bil-FR u bil-DE fuq is-sit web tal-KEPD www.edps.europa.eu]*

(2019/C 186/05)

Fil-5 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tipparteċipa f'isem l-Unjoni fin-negozjati tat-tieni protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità ta' Budapest. L-Anness għar-Rakkomandazzjoni jistabilixxi d-direttivi tal-Kunsill rakkomandati biex jiġi nnegozjat il-protokoll. Dan il-protokoll għandu l-għan li jtejjeb il-kanal ta' kooperazzjoni tradizzjonali u biex jinkludi dispożizzjonijiet għal kooperazzjoni diretta bejn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u fornituri ta' servizz kif ukoll dispożizzjonijiet għal aċċess dirett għal data minn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

Il-KEPD jilqa' u jappoġġa b'mod attiv ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea biex tiġi awtorizzata tinnegozja, f'isem l-Unjoni Ewropea, t-tieni protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità. Kif il-KEPD ilu jargumenta, l-UE teħtieġ arranġamenti sostenibbli għall-kondiviżjoni tad-data personali ma' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi, kompatibbli b'mod sħiħ mat-Trattati tal-UE u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Anke fl-investigazzjoni ta' każijiet domestiċi, awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi aktar ta' spiss qed isibu lilhom infushom f'"sitwazzjonijiet ta' transfruntier" minħabba li l-informazzjoni tiġi maħżuna elettronikament f'pajjiż terz. Il-volum dejjem jikber ta' talbiet u l-volatilità tal-informazzjoni diġitali joħolqu strapazz fuq mudelli ta' kooperazzjoni eżistenti, bħall-MLATs. Il-KEPD jifhem li l-awtoritajiet jaffaċċjaw ġirja kontra l-ħin biex jiksbu d-data għall-investigazzjonijiet tagħhom u jappoġġja sforzi biex jinħolqu mudelli ta' kooperazzjoni ġodda, inklużi fil-kuntest ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

Din l-Opinjoni għandha l-għan li tipprovdi pariri kostruttivi u objettivi lill-istituzzjonijiet tal-UE hekk kif il-Kunsill irid jipprovdi d-direttivi tiegħu qabel il-bidu ta' dan il-kompitu delikat, b'ramifikazzjonijiet wiesa'. Il-KEPD jenfażizza l-bżonn li jiġi żgurat rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali, inklużi l-privatezza u l-protezzjoni ta' data personali. Filwaqt li l-KEPD jirrikonoxxi li mhuwiex possibbli li jiġu replikati għal kollox it-terminoloġija u d-definizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fi ftehim ma' pajjiżi terzi, s-salvagwardji għall-individwi għandhom ikunu ċari u effettivi sabiex jikkonformaw kompletament mal-liġi primarja tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'dawn l-aħħar snin, affermat prinċipji tal-protezzjoni tad-data inklużi l-korrettezza, l-eżattezza u r-rilevanza tal-informazzjoni, is-sorveljanza indipendenti u d-drittijiet individawli tal-individwi. Dawn il-prinċipji huma rilevanti għal korpi pubbliċi daqs kemm huma rilevanti għal kumpaniji privati u jsiru tant aktar importanti meta tikkunsidra s-sensittivita tad-data meħtieġa għal investigazzjonijiet kriminali.

Ħafna salvagwardji li diġà huma maħsuba huma milqugħa, iżda għandhom jiġu rinforzati. Il-KEPD identifika tliet titjibiet prinċipali li hu jirrakomanda għad-direttivi ta' negozjati, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Karta u mal-Artikolu 16 TFUE:

— li tiġi żgurata n-natura mandatorja tal-protokoll previst,

— li jiġu inklużi salvagwardji dettaljati, inkluż il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, minħabba diversi firmatarji potenzjali, li mhux kollha huma partijiet tal-Konvenzjoni 108 jew li kkonkludew ftehim ekwivalenti għall-ftehim Umbrella bejn l-UE u l-Istati Uniti.

— li jiġu opposti kwalunkwe dispożizzjonijiet dwar aċċess dirett għad-data.

Barra minn hekk, l-Opinjoni toffri aktar rakkomandazzjonijiet għal titjib u kjarifiki possibbli dwar id-direttivi ta' negozjati. Il-KEPD jibqa' għad-dispożizzjoni tal-istituzzjonijiet għal aktar pariri waqt in-negozjati u qabel il-finalizzazzjoni tal-protokoll.

## 1. INTRODUZZJONI U SFOND

1. Fis-17 ta' April 2018, il-Kummissjoni ħarġet pakkett ta' żewġ proposti leġiżlattivi: Proposta għal Regolament dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika fi kwistjonijiet kriminali ([1]) (minn hawn imsejħa "l-Proposta għall-evidenza elettronika"), u Proposta għal Direttiva li tistabilixxi regoli armonizzazzjoni għall-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-finijiet tal-ġbir tal-evidenza fi proċeduri kriminali ([2]). Waqt li qed jitwettaq ix-xogħol fil-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (il-Kunsill) laħaq approċċ ġenerali fuq dawn iż-żewġ proposti ([3]).

2. Fil-5 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni addottat żewġ rakkomandazzjonijiet għad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill: Rakkomandazzjoni biex jiġi awtorizzat il-ftuħ ta' negozjati bil-ħsieb ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar l-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ([4]) u Rakkomandazzjoni biex tawtorizza l-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni, f'isem l-UE fin-negozjati tat-tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità tal-Kunsill tal-Ewropa (CETS No. 185) (minn hawn 'il quddiem "ir-Rakkomandazzjoni") ([5]). L-ewwel rakkomandazzjoni tal-aħħar hija s-suġġett ta' Opinjoni tal-KEPD separata ([6]). Madankollu, l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) jikkunsidra li n-negozjati mal-Istati Uniti kif ukoll mal-Kunsill tal-Ewropa huma marbutin mill-qrib.

3. Ir-Rakkomandazzjoni ġiet addottata fuq il-bażi tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) għall-ftehim konkluż bejn l-UE u pajjiżi terzi. B'din ir-Rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni tfittex li tikseb awtorizzazzjoni mill-Kunsill biex tiġi appuntata bħala negozjatriċi f'isem l-UE għat-tieni protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità (CETS Nru 185) ([7]), flimkien mad-direttivi ta' negozjati annessi mar-Rakkomandazzjoni. L-Anness għar-Rakkomandazzjoni (minn hawn 'il quddiem "l-Anness") huwa ta' importanza assoluta minħabba li jistipula d-direttivi rakkomandati mill-Kunsill għall-Kummissjoni biex tinnegozja, f'isem l-UE, l-protokoll. Ladarba n-negozjati jkunu ntemmu, sabiex il-ftehim jiġi konkluż, il-Parlament Ewropew se jkollu jagħti l-kunsens tiegħu lit-testi tal-ftehim negozjat, wara liema, l-Kunsill se jkollu jaddotta deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim. Il-KEPD jistenna li jiġi kkonsultat dwar it-test tal-abbozz tal-ftehim fi żmien debitu f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

4. Il-KEPD jilqa' l-fatt li ġie kkonsultat wara l-addozzjoni tar-Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725. Il-KEPD jilqa' wkoll ir-referenza għal din l-Opinjoni fi Premessa 8 tar-Rakkomandazzjoni. Hu jixtieq jissottolinja li din l-Opinjoni hija mingħajr preġudizzju għal kull kumment addizzjonali li l-KEPD jista' jagħmel fuq il-bażi ta' aktar informazzjoni disponibbli, id-dispożizzjonijiet għall-abbozz tal-protokoll waqt in-negozjati u l-iżviluppi leġiżlattivi f'pajjiżi terzi.

## 5. KONKLUŻJONIJIET

58. Il-KEPD jifhem il-ħtieġa li awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi li jiżguraw u jiksbu l-evidenza elettronika malajr u b'mod effettiv. Hu huwa favur l-użu ta' approċċi innovattivi biex jinkiseb aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika u biex jinstab rispons tal-UE għal kwistjonijiet eżistenti f'dan il-kuntest. It-tieni protokoll addizzjonali li għandu jiġi nnegozjat fuq livell tal-UE ser jippreżerva aħjar il-livell ta' protezzjoni garantita mill-qafas tal-protezzjoni tad-data u ser jiżgura livell konsistenti ta' protezzjoni fl-UE kollha, minflok ftehim distint konkluż mill-Istati Membri bilateralment. Għalhekk, din l-Opinjoni għandha l-għan li tipprovdi pariri kostruttivi u objettivi lill-istituzzjonijiet tal-UE hekk kif il-Kummissjoni tfittex li tikseb awtorizzazzjoni mill-Kunsill biex tipparteċipa fin-negozjati dwar dan il-protokoll.

---

([1]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali, COM (2018) 225 final.

([2]) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-finijiet tal-ġbir tal-evidenza fi proċeduri kriminali, COM(2018) 226 final.

([3]) Il-Kunsill addotta l-approċċ ġenerali tiegħu dwar ir-Regolament propost fis-7 ta' Diċembru 2018, disponibbli fuq https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2018/12/07/regulation-on-cross-border-access-to-e-evidence-council-agrees-its-position/. Il-Kunsill addotta l-approċċ ġenerali tiegħu dwar id-Direttiva proposta fit-8 ta' Marzu 2018, disponibbli fuq https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2019/03/08/e-evidence-package-council-agrees-its-position-on-rules-to-appoint-legal-representatives-for-the-gathering-of-evidence/

([4]) Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati bil-ħsieb ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar l-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, COM(2019) 70 final.

([5]) Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-parteċipazzjoni fin-negozjati tat-tieni Protokoll Addizzjonali lill-Kunsill tal-Ewropa għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità (CETS Nru 185), COM(2019) 71 final.

([6]) L-Opinjoni tal-KEPD dwar il-mandat ta' negozjar ta' ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika.

([7]) Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni internazzjonali mtejba dwar iċ-ċiberkriminalità u l-evidenza elettronika, Budapest, 23 ta' Novembru 2001, CETS Nru 185.

59. Il-KEPD jilqa' li l-mandat għandu l-għan li jiżgura li l-protokoll ikun fih is-salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-data.

60. Hemm tliet rakkomandazzjonijiet prinċipali, li l-KEPD jagħmelgħall-protokoll previst sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Karta u mal-Artikolu 16 TFUE: Il-KEPD jirrakkomandi li d-direttivi ta' negozjati jimmiraw lejn:

— li tiġi żgurata n-natura mandatorja tal-protokoll previst,

— li jiġu introdotti salvagwardji dettaljati - inkluż il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop - minħabba diversi firmatarji potenzjali, li mhux kollha huma partijiet tal-Konvenzjoni 108 jew li kkonkludew ftehim ekwivalenti għall-ftehim Umbrella tal-UE u l-Istati Uniti.

— li jiġu opposti kwalunkwe dispożizzjonijiet dwar aċċess dirett għad-data.

61. Flimkien ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġenerali, ir-rakkomandazzjonijiet u l-kummenti tal-KEPD f'din l-Opinjoni huma relatati mal-aspetti speċifiċi li ġejjin:

— il-bażi legali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill;

— it-trasferimenti 'l quddiem minn awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi;

— id-drittijiet ta' soġġetti tad-data, b'mod partikolari d-dritt għall-informazzjoni u d-dritt ta' aċċess;

— il-kontroll minn awtorità indipendenti;

— ir-rimedju ġudizjarju u r-rimedju amministrattiv;

— l-offiżi kriminali koperti mill-protokoll maħsub u l-kategoriji tad-data personali;

— il-salvagwardji speċifiċi biex jiġi żgurat livell xieraq ta' sigurtà tad-data trasferuta;

— is-salvagwardji speċifiċi għall-protezzjoni tad-data minn privileġġi u immunitajiet;

— l-assistenza reċiproka tal-emerġenza;

— fil-każ ta' kooperazzjoni diretta, it-trasferiment ta' data personali, d-definizzjoni u t-tipi ta' data, u l-involviment ta' awtoritajiet oħrajn, il-possibbilità li fornituri ta' servizz li jingħataw ordni għal evidenza elettronika joġġezzjonaw fuq bażijiet speċifiċi;

— il-possibbiltà li jiġi sospiż il-protokoll f'każijiet ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tiegħu u li jiġi rivedut;

62. Fl-aħħar il-KEPD jibqa' għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew biex jipprovdi pariri waqt stadju aktar tard ta' dan il-proċess. Il-kummenti f'din l-Opinjoni huma mingħajr preġudizzju għal kummenti addizzjonali li l-KEPD jista' jagħmel hekk kif kwistjonijiet ulterjuri jistgħu joħorġu u li ser imbagħad jiġu indirizzati ladarba tkun disponibbli aktar informazzjoni. Hu jistenna li jiġi kkonsultat aktar tard dwar id-dispożizzjoni tal-abbozz tal-protokoll qabel il-finalizzazzjoni tiegħu.

Brussell, it-2 ta' April 2019.

Giovanni BUTTARELLI

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*